



Brussell, 15 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12995/23

LIMITE

FL 18
EEE 21
ETS 7
MI 744

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Adattamenti Settorjali tal-Liechtenstein - Rieżami - approvazzjoni

1. Wara l-iskadenza tal-Protokoll 15 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-"Ftehim ŻEE") dwar il-moviment liberu tal-persuni fl-1999, l-Unjoni Ewropea u l-Liechtenstein qablu dwar arranġamenti speċifiċi dwar restrizzjonijiet għall-għadd ta' permessi ta' residenza mogħtija mil-Liechtenstein. Dawn id-dispożizzjonijiet huma komunement magħrufa bħala "l-Adattamenti Settorjali tal-Liechtenstein" u jinsabu fl-Annessi V u VIII tal-Ftehim ŻEE.
2. Skont l-Adattamenti Settorjali tal-Liechtenstein il-moviment liberu tal-persuni japplika għal-Liechtenstein. Madankollu, iċ-ċittadini tal-UE u n-nazzjonali ta' pajjiżi oħra taż-ŻEE li jixtiequ jirrisjedu fil-Liechtenstein iridu jiksbu permess ta' residenza. L-Adattamenti Settorjali tal-Liechtenstein jistabbilixxu għadd minimu ta' permessi li għandhom jinħarġu liċ-ċittadini tal-UE u lin-nazzjonali ta' pajjiżi oħra taż-ŻEE kull sena. Fl-2004, dawn l-arranġamenti, inizjalment miftiehma għal terminu ta' ħames snin, komplew soġġetti għar-rekwiżit li għandhom jiġu riveduti kull ħames snin. Wara l-ewwel rieżami fl-2009, it-tieni rieżami tal-Adattamenti Settorjali twettaq fl-2014, u t-tielet rieżami kien mistenni fl-2019 iżda għadu ma tlestiex.

3. Fir-rigward tat-tielet rieżami tal-Adattamenti Settorjali, (abbażi tal-perjodu 2014-2018), il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat nota ta' informazzjoni fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) f'Jannar 2023 li tiddekrivi xi elementi rilevanti għar-rieżami u tispjega li t-tielet rieżami, minħabba dewmien, ser jitlesta biss fl-2023¹.
4. Abbażi ta' din l-informazzjoni, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-EFTA kellu l-ewwel skambju ta' fehmiet fl-24 ta' Jannar u fis-7 ta' Frar 2023. Ma tqajjem l-ebda tħassib dwar il-kontinwazzjoni tal-Adattamenti Settorjali tal-Liechtenstein għall-perjodu bejn l-2014 u l-2018.
5. Fis-27 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew Komunikazzjoni dwar ir-rieżami tal-Adattamenti Settorjali tal-Liechtenstein, li tistabbilixxi l-valutazzjoni tagħha għall-perjodu 2014-2018². F'din il-komunikazzjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li ma tarax il-ħtieġa li jsiru bidliet għar-regoli attwali u tqis li d-dispożizzjonijiet dwar l-Adattamenti Settorjali jistgħu jibqgħu l-istess f'dan il-mument. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li l-formula għall-kalkolu tal-kwota annwali u l-bażi għall-kalkolu baqgħu l-istess fl-aħħar 24 snin.
6. Fit-12 ta' Settembru 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-EFTA ddiskuta l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, u qabel mal-konklużjoni stabbilita fiha, jiġifieri li l-Adattamenti Settorjali tal-Liechtenstein jistgħu jibqgħu l-istess f'dan il-mument.
7. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - a) jikkonferma l-qbil tiegħu li d-dispożizzjonijiet tal-Adattamenti Settorjali tal-Liechtenstein li jinsabu fl-Anness V u l-Anness VIII għall-Ftehim ŻEE jibqgħu l-istess f'dan il-mument; kif ukoll;
 - b) jirrakkomanda li l-Kunsill japprova, permezz ta' punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, li l-Unjoni tiegħu l-pożizzjoni fir-rieżami tal-2019 tal-Adattamenti Settorjali tal-Liechtenstein li jinsabu fl-Anness V u l-Anness VIII tal-Ftehim ŻEE fis-sens li d-dispożizzjonijiet rilevanti jibqgħu l-istess f'dan il-mument.

¹ Dok. WK 748/23

² Dok. 12309/23